Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 37/2000/1

**Salvu Mintoff & Sons Limited**

**v.**

**Road Construction Limited u Joseph Aquilina,**
**Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof ta' Malta,**
**Amministratur tal-Beni ta' l-Entitajiet Ekklesjastici ta' Malta**
**ghan-nom u fl-interess**
**tal-Giuspatronat Lajkali San Antonio delli Navarra.**

**Il-Qorti:**

## PRELIMINARI

1. Dan huwa appell tas-socjeta` attrici Salvu Mintoff & Sons Ltd. minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fis-17 ta' Mejju 2002, fejn dik il-Qorti laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u ddikjarat illi s-socjeta` attrici ma ghandhiex interess guridiku biex tipprocedi bil-kawza odjerna, peress illi ghalkemm l-interess taghha hu dirett u attwali ma huwiex legittimu. Spjegat illi – "Kif irrizulta minn ezami akkurat tal-kuntratti ccitati u partikolarment tal-brani rilevanti ghat-triq in kwistjoni, ma jezisti ebda dritt moghti lil min ikun qed jopera l-barriera f'tal-Hawli, bhal ma qed tippretendi s-socjeta` attrici, li jintitolahom izommu lil terzi milli jghaddu fuq din it-triq (*l'interesse che conforme al* ***diritto*** *di chi sta in causa* : Mattirolo op. cit.)." (ara pagna 8 ta' dik is-sentenza).

## IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA` ATTRICI

2. Fic-citazzjoni promotrici tal-kawza s-socjeta` attrici ippremettiet illi hija l-inkwilina ta' porzjon art gewwa l-kontrada ta' Ghar id-Dar limiti tal-Qala, Ghawdex, li tintuza bhala barriera denominata bhala "Tal-Hawli" u dan abbazi ta' kuntratt tas-17 ta' Dicembru 1982[1]. Izzid illi din l-art tinkludi wkoll passagg li kien sar mill-awturi taghha u li tali kuntratt jobbligaha tippermetti l-uzu tal-passagg lil kerrejja ohra li jkollhom il-permess li jifthu barriera fuq art tal-Kurja fl-istess territorju, u li taghmel il-manutenzjoni ta' dan il-passagg bid-dritt li titlob rimbors ta' parti mill-ispejjez minn dawk il-kerrejja li ghandhom art tal-Kurja f'dan it-territorju u li ma jkunux inghataw l-art ghall-finijiet tal-biedja. Is-socjeta` attrici kompliet tghid illi s-socjeta` konvenuta Road Construction Ltd la ghandha art tal-Kurja f'dan it-territorju u lanqas topera barriera fl-inhawi maghrufa bhala "tal-Hawli" izda tippretendi u fil-fatt qed taghmel uzu minn dan il-passagg. Tghid illi l-Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof ghamel skrittura privata mas-socjeta` konvenuta li permezz taghha dik is-socjeta` ivvantat il-pretensjoni li tghaddi minn dan il-passagg minghajr il-kunsens tas-

[1] Dok A fol 5

socjeta` attrici jew minghajr ma sar xi ftehim gdid. Finalment ippremettiet li hija inutilment interpellat lis-socjeta` konvenuta biex tiddesisti minn tali agir, u konsegwentement talbet lill-Qorti –

i) tiddeciedi li t-triq kostruwita minnha fuq l-art *de quo* ghandhom dritt jghaddu minnha l-inkwilini u l-operaturi tal-barrieri f'dawk l-inhawi u li b'hekk is-socjeta` konvenuta ma ghadhiex dritt tghaddi minn hemm; u

ii) tiddeciedi u tiddikjara li l-iskrittura bejn il-konvenuti ma taghmilx stat fil-konfront tas-socjeta` attrici u konsegwentement tordna li s-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda dritt taghmel uzu minn din it-triq u ma ghandha ebda jedd ta' passagg u/jew titolu fuq il-passagg in kwistjoni.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI</u>**

3. Iz-zewg konvenuti eccepew in-nuqqas ta' interess guridiku tas-socjeta` attrici. Is-socjeta` Road Construction Limited eccepiet in-nuqqas ta' interess guridiku stante li ma hux moghti lill-inkwilin il-jedd li jagixxi sabiex jigu determinati d-drittijiet reali dwar art li ma tappartjenix lilu, u li t-talbiet attrici huma kollha preordinati ghad-determinazzjoni tal-jedd ghall-proprjeta` tat-triq. Min-naha tieghu il-konvenut l-iehor, Joseph Aquilina pro et noe, issottometta illi s-socjeta` attrici ma kellhiex interess tintavola c-citazzjoni odjerna stante li la hija l-proprjetarja u lanqas l-inkwilina tat-triq in kwistjoni. Huwa zied illi bhala proprjetarju huwa setgha jikkoncedi l-uzu tat-triq *de quo* lil min ried minghajr ebda xkiel mis-socjeta` attrici, li ghandha biss dritt tuza din it-triq u tircievi rimbors minn operaturi ohra (mhux agrikoli) fl-istess territorju ta' parti mill-ispejjez ta' manutenzjoni li hija taghmel fl-istess triq u li certament ma ghandhiex xi dritt ta' uzu esklussiv tat-triq.

**<u>IS-SENTENZA TA' L-EWWEL QORTI</u>**

4. B'sentenza tas-17 ta' Mejju 2002, il-Qorti ta' l-ewwel grad laqghet dawn l-eccezzjonijiet, u dan wara li ezaminat dak li jghallem il-Mattirolo fuq l-interess guridiku, dak li gie deciz fil-gurisprudenza nostrana, u applikathom ghall-fatti odjerni. Wara li ezaminat il-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratti pprezentati fl-atti, ikkonkludiet illi "l-kundizzjoni li

s-socjeta` attrici tippretendi li tillimita l-access fuq it-triq in kwistjoni ghaliha, ghall-bdiewa ta' l-inhawi u dawk li jifthu barrieri ohra fl-istess inhawi biss, ma tezistix." Qalet illi l-kundizzjonijiet dwar din it-triq kienu s-segwenti –
"i) l-inkwilini originali kellhom jifthu triq kareggabbli li tkun tiswa mhux anqas minn sitt elef lira, u li dan kellu jigi certifikat minn perit;

ii) jekk sa zmien tnax-il sena (12) mill-ewwel kuntratt jinghataw koncessjonijiet sabiex jinfethu barrieri ohra fl-istess inhawi, dawn kienu jkunu intitolati ghal kumpens minghand il-kuntratturi l-godda ta' elfejn u hames mitt lira;

iii) jekk wara li jiskadi dak il-perijodu ta' tnax-il sena, jiddahhlu persuni ohra dawn kellhom jikkontribwixxu ghall-manutenzjoni ta' l-istess triq."

Iddecidiet illi f'din il-kawza ma jistax jinghad li s-socjeta` attrici kellha interess li kien "dirett, legittimu u attwali" Elaborat illi jidher li ghar-ragunijiet taghha, (forsi ta' kompetizzjoni u rivalita`) is-socjeta` attrici kellha interess dirett u personali li zzomm lis-socjeta` konvenuta milli tghaddi mit-triq, u li tali interess kien attwali, peress li mhux kontestat illi s-socjeta` konvenuta permezz ta' l-ingenji taghha uzat din it-triq.  Izda ziedet tghid li dan l-interess ma kienx legittimu ghaliex kif irrizulta minn ezami tal-kuntratti citati, min jopera l-barriera f'"tal-Hawli" ma kellu l-ebda dritt izomm lil terzi milli jghaddu fuq din it-triq. Konsegwentement  cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontriha.

**<u>L-APPELL TAS-SOCJETA` ATTRICI</u>**

5. Is-socjeta` attrici hassitha aggravata b'din id-decizjoni u appellat minnha fuq aggravji li jistghu jigu riassunti hekk:
i) Is-socjeta` appellanti tillanja li minkejja li l-ewwel Qorti ikkonkludiet li l-interess taghha kien dirett u attwali, dik il-Qorti erronjament waslet ghall-konkluzzjoni li tali interess ma kienx legittimu.  Tissottometti li biex il-Qorti setghet tiddeciedi li l-interess taghha ma kienx legittimu hija kellha l-obbligu li tisma' l-provi kollha sabiex tara jekk dan l-interess li hija kkonkludiet li kien wiehed dirett u attwali kienx ukoll legittimu.  Targumenta li l-ewwel Qorti

naqset li tezamina dak li jghidu awturi ohra fuq il-materja, fosthom il-Mortara. Dan l-awtur jghid li fl-istadju inizjali tal-proceduri huwa immaterjali x’jikkostitwixxi dan il-vantagg ghal min ikun qed jipproponi l-azzjoni. Dak li huwa importanti huwa jekk dan l-interess jistax ikun protett minn xi principju legali jew provvediment tal-ligi. Tillanja li l-ewwel Qorti naqset li taghraf li l-interess sabiex wiehed jista’ jipprocedi f’azzjoni gudizzjarja kontra terzi ma ghandux jigi konfuz ma’ dak sostanzjali, liema interess sostanzjali jista’ jigi biss stabbilit jekk u meta jingiebu l-provi kollha. Izzid li l-ewwel Qorti iddecidiet illi l-interess taghha ma kienx legittimu minghajr ma qalet fuq liema kriterji jew principji legali waslet ghad-decizjoni taghha. Tissotometti li fil-ktieb “Dictionary of English Law” Jowit jghid li “A person is said to have an interest in a thing/judicial procedure when he has rights, advantages, duties, liabilities, losses or the like connected with it, whether present or future, provided that the connection is not too remote.” Ghalhekk minn qari ta’ dak li ntqal fis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti jirrizulta li hija ma kenitx korretta meta qalet li l-interess tas-socjeta` attrici ma kienx legittimu.

L-appellanti tghid li l-ewwel Qorti injorat kompletament il-punt ta’ tluq li kellha tezamina f’dan l-istadju – ossija jekk is-socjeta` attrici kellhiex interess guridiku fil-kawza. Jekk jirrizulta li hi kellha interess allura il-Qorti qatt ma setghet tasal ghall-konkluzjoni minnha raggunta ghaliex kif jghid il-Mortara “L’interesse ad agire non va confuso con l’interesse sostanziale protetto dall’ordinamento guridico…”

ii) Tillanja illi l-kliem “…forsi ta’ kompetizzjoni u rivalita`..” uzat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ma kienx floku u dan ghaliex fil-kawza ma ngiebet ebda prova li setghet twassal lill-Qorti ghal dik id-deduzzjoni. Il-Qorti tista’ tiddeciedi biss fuq il-provi li jingiebu quddiemha u ebda paroli jew kongetturi li jsiru barra mill-Qorti ma ghandhom jinfluwixxu fuq l-ezitu tal-kawza.

**IR-RISPOSTA TAS-SOCJETA` KONVENUTA ROAD CONSTRUCTION LIMITED**

6. Skond is-socjeta` appellata Road Construction Limited, mill-apprezzament preciz u dettaljat maghmul mill-Qorti tal-posizzjoni legali tas-socjeta` appellanti vis-a-vis it-triq mertu tal-kawza, jirrizulta li l-attrici ma ghandhiex xi jedd fuq it-triq li hu opponibbli fil-konfront taghha u li jaghtiha d-dritt li twaqqafha mill-uzu ta' l-istess. Dan ghaliex johrog car illi –

i) it-triq giet ifformata in parti minn Francis Grech u Salvu Xuereb skond it-termini tal-kirja tat-12 ta' April 1972, fejn l-inkwilin inghata biss il-jedd ta' hlas ghall-kumpens f'certi eventwalitajiet, inkluz li dan il-jedd kellu jintemm wara tnax-il sena;

ii) fil-lokazzjoni tat-23 ta' Settembru 1980 rega' ma nghata l-ebda jedd fuq it-triq izda gie impost fuq l-inkwilin l-obbligu ghall-manutenzjoni, filwaqt li l-inkwilin inghata l-istess jeddijiet ghall-kumpens, fit-terminu tat-tnax-il sena mid-data tal-kirja inizjali;

iii) l-istess modalitajiet jirregolaw il-kirja attwali favur is-socjeta` attrici;

iv) it-triq ma saritx pubblika u ghadha proprjeta` tal-Giuspatronat Lajkali Sant Antonio delli Navarra.

6.1 Tghid li l-bazi ta' l-ilment tas-socjeta` attrici jinsab fil-fatt li l-Qorti ddecidiet l-eccezzjoni minghajr ma semghet il-provi, liema lment hu infondat ghax il-Qorti mhix obbligata tfittex il-provi hi u huwa obbligu tas-socjeta` attrici li ggib il-provi biex turi l-interess guridiku taghha. Izzid li ma tistax tifhem xi provi seta' kien hemm meta s-socjeta` attrici qed tibbazza ruhha fuq il-kuntratt indikat fic-citazzjoni, li flimkien mal-kuntratti l-ohra li ghalihom jirreferi l-istess att, huwa l-unika prova relevanti sabiex jigi determinat l-interess guridiku. Is-socjeta` appellata tispjega li wiehed ma jistax jghid li l-Qorti zbilancjat ruhha jew qalet xi skorrettezzi – kull ma qalet kien li ghalkemm tali interess jista' jkun personali u dirett certament ma kienx guridiku. Inoltre l-atturi ma ghandhomx jippretendu li kulhadd huwa daqstant ingenwu biex ma jirrealizzax li fl-

ahhar mil-ahhar il-motiv ewlieni wara l-proceduri odjerni huwa l-kompetizzjoni kummercjali li hemm bejn il-partijiet kontendenti li joperaw l-istess generu ta’ negozju.

6.2 Tghid li l-attrici targumenta illi ladarba “l’interesse ad agire non va confuso con l’interesse sostanziale protetto dall’Ordinamento guridico” allura l-ewwel Qorti kellha l-ewwel tipprocedi bis-smiegh tal-provi u wara tiddisponi mit-talbiet taghha. L-appellanti, izda, qed tiskarta l-fatt li l-interess irid ikun legittimu – cioe’ l-attrici hija obbligata turi li l-iskop taghha kien li tirkupra l-beneficcju ta’ xi jedd moghti lilha bil-ligi li gie vjolat, dak li l-Mattirolo jirreferi ghalih bhala *danno giuridico*. Kien indispensabbli li jigi identifikat liema huwa l-jedd li s-socjeta` attrici tallega li ghandha u liema hija l-vjolazzjoni attwali jew mhedda li giet arrekata mill-konvenuti. Mic-citazzjoni ma tirrizulta ebda indikazzjoni ta’ x’inhu dan il-jedd u b’liema mod dan qieghed jew ser jigi ppregudikat bl-allegat arrangament bejn il-konvenuti. Minn ezami tal-kuntratt tal-1982, li jaghmel referenza ghal dak precedenti tal-1980, l-ewwel Qorti gustament ikkonkludiet illi dawn il-kuntratti ma taw ebda jedd lis-socjeta` attrici li seta’ jigi pregudikat bil-ftehim li kien qed jigi allegat li sar bejn il-konvenuti.

**<u>RISPOSTA TA’ L-APPELL TA’ JOSEPH AQUILINA NOE</u>**

7. L-appellat l-iehor jissottometti illi s-sentenza tal-Qorti ta’ l-ewwel grad hija gusta u timmerita konferma.

7.1. Isostni li mill-kuntratti esebiti fl-atti u ezaminati mill-Qorti jirrizulta car li s-socjeta` appellanti mhix il-proprjetarja tat-triq, u lanqas ghandha dritt esklussiv tat-tgawdija tal-passagg mit-triq, izda ghandha biss dritt ta’ passagg mill-istess triq u wara it-12 ta’ April 1984, id-dritt li titlob rimbors ghall-ispejjez ta’ manutenzjoni inkorsi minnha minghand kwalunkwe inkwilin iehor fit-territorju li juza t-triq fuq xi xoghol sostanzjali ta’ negozju li ma jkunx ta’ biedja. Jispjega li hu kien lahaq ftehim provizzorju mas-socjeta` konvenuta li ma jwaqqafhiex milli tghaddi mill-passagg sakemm jigi deciz gudizzjarjament it-titolu li dik is-socjeta` ghandha fuq l-art li qed tisfrutta. B’hekk hu ma kienx kiser l-obbligu tieghu li jimponi l-kundizzjoni ta’

kontribut ghall-ispejjez tat-triq de quo fuq l-eventwali inkwilini. Konsegwentement l-eccezzjoni tieghu dwar in-nuqqas ta’ interess guridiku tas-socjeta` appellanti li tipproponi l-azzjoni, bil-mod kif proposta, kienet timmerita li tigi akkolta ghaliex ma rrizulta minn imkien li hi ghandha d-dritt li taghti l-kunsens fir-rigward ta’ min juza t-triq, jew li titlob lil xi hadd biex jiddesisti milli juza din it-triq.

7.2. Jissotometti li fl-appell taghha s-socjeta` attrici ppruvat tiddistingwi bejn l-interess *ad agire* u l-interess sostanzjali u sostniet li l-ewwel Qorti injorat totalment din id-distinzjoni minghajr ma semghet il-provi. L-appellat jghid li l-unika prova necessarja sabiex jigi stabbilit il-punt attwali huma l-kuntratti esebiti. Inoltre, is-socjeta` appellanti kellha kull opportunita` tipprezenta l-provi in sostenn tat-tezi taghha u dan l-appell ma ghandux jigi akkolt ghaliex hija naqset li taghmel dan. Izid li ghalkemm is-socjeta` appellanti ghandha interess *ad agire*, l-azzjoni ma tistax tigi proposta fit-termini tac-citazzjoni odjerna. L-azzjoni tas-socjeta` appellanti hija nieqsa mill-interess legittimu ghaliex mhix intiza sabiex tittutela xi dritt kuntrattwali jew *ex lege* peress li d-dritt li tieghu qed tintalab it-tutela ma jezistix u ghalhekk ma kienx hemm lok li l-Qorti tinvestiga jekk tali dritt giex vjolat.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

8. Il-gravam ewlieni tas-socjeta` attrici jikkoncerna d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li l-interess tas-socjeta` ma kienx wiehed legittimu, u dan nonostante li ftit qabel il-Qorti kienet qalet li l-interess tas-socjeta` fil-kawza odjerna kien wiehed personali u attwali. Is-socjeta` appellanti issostni li l-Qorti setghet biss tasal ghal din il-konkluzjoni wara li tkun semghet il-provi kollha. Illi l-interess biex wiehed jipprocedi kontra terzi ma ghandux jigi konfuz ma’ dak sostanzjali, li jista’ biss jigi stabbilit jekk u meta jingiebu l-provi kollha. L-appellanti tissottometti li l-Qorti ta’ l-ewwel grad kienet naqset li tezamina awturi ohra fuq il-materja u li in effetti l-Mortara jghid li fl-istadju inizjali tal-proceduri huwa immaterjali x’jikkostitwixxi l-vantagg ghall-proponent ta’ l-azzjoni. Dak li hu importanti huwa jekk tali interess jistax ikun protett minn xi principju legali jew provvediment tal-ligi. Inoltre, tillanja wkoll li l-

Qorti naqset li tispjega l-kriterji jew principji legali li abbazi taghhom waslet ghal din id-decizjoni.

9. L-ewwelnett jinghad illi l-kwistjoni mqanqla bl-eccezzjonijiet tal-konvenuti, appellati odjerni, hija krucjali f'kull kawza u dan peress li kif jaqblu l-partijiet kontendenti, u kif gie kostantement ritenut mill-gurisprudenza nostrana, l-interess huwa l-kejl ta' kull azzjoni u ghandu jirrizulta mic-citazzjoni nnifisha (ara ***Ellul v. Ellul*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Frar 1937[2]). Ghaldaqstant il-punt imqanqal mill-konvenuti jolqot il-kawza odjerna fil-qofol taghha – din hija eccezzjoni perentorja tal-gudizzju li darba tigi milqugha twaqqaf l-azzjoni kollha bla htiega li jigi investit il-mertu.

9.1 Is-socjeta` attrici taqbel li l-ligi taghna tirrikjedi li wiehed ikollu interess guridiku sabiex jipproponi azzjoni gudizzjarja – altrimenti ikun ifisser li kull min ikun irid jivvessa lil xi hadd inutilment ikollu l-opportunita` shiha li jaghmel dan billi joqghod "jiqqortja" mieghu fuq kwalsiasi pretest li jkun, imqar jekk il-materja lanqas biss ma tkun tikkoncerna lilu (***Agatha Gauci v. Dr. Francis Lanfranco et*** – Appell Superjuri deciz 28 ta' Novembru 2003).

9.2 Inoltre minn qari tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti wiehed jinnota li qabel din waslet ghad-decizjoni taghha dwar l-eccezzjonijiet koncernenti n-nuqqas ta' interess guridiku da parti tas-socjeta` attrici, hija ezaminat kemm id-dottrina in materja u anke l-gurisprudenza tal-Qrati taghna - u ghaldaqstant ghalkemm l-appellanti hija korretta meta tghid li l-Qorti ma ezaminatx awturi ohra hlief il-Mattirolo, din naqset li ssemmi li l-Qorti rat ukoll il-gurisprudenza nostrana. Ghandu jinghad ukoll li s-socjeta` appellanti mhix korretta meta fir-rikors ta' appell taghha tghid li l-Qorti ta' l-ewwel grad ma kenitx spjegat il-kriterji jew principji legali li abbazi taghhom waslet ghal din id-decizjoni. Il-Qorti ghamlet apprezzament dettaljat tal-principji legali li jolqtu l-materja tal-interess guridiku. Hija wkoll ezaminat b'reqqa kbira l-kuntratti pprezentati fl-atti u wara li applikat it-taghlim fuq is-suggett ghall-fatti tal-

[2] Vol XXIX. I. 891)

vertenza waslet ghall-konkluzjonijiet li maghhom, kif mistenni, s-socjeta` appellanti ma qablitx. B'hekk appellat fuq ir-ragunijiet esposti minnha fir-rikors ta' appell, li ser jigu kkonsiderati aktar 'il quddiem.

10. Din il-materja dwar f'hiex jikkonsisti l-interess guridiku giet trattata bosta drabi mill-Qrati taghna u minn dawn id-decizjonijiet jemergu kjarament diversi principji legali li ghandhom iservu ta' gwida biex tigi risolta vertenza ta' din ix-xorta. Inghad illi –

i) l-interess mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, guridiku kif ukoll attwali u jrid johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd. Gie spjegat illi l-interess irid ikun guridiku, igifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' esistenza tad-dritt u l-vjolazzjoni tieghu; dirett u personali fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; u attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt.[3]

ii) L-*istat attwali ta' ksur ta' dritt* jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li tipprova ggib fix-xejn dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew li jkun jisthoqq lilu.[4]

iii) L-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-konvenut jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta' l-attur u li fih innifsu johloq il-htiega tal-vertenza. Dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li jsir haqq fil-konfront taghha jew jitlob li tigi msewwija ingustizzja li tkun giet kommessa kontriha. Il-Mortara jiddeskrivi tali interess ta' l-attur bhala "*la utilita` finale della domanda giudiziale sul tema della asserita esistenza e violazione di un diritto.*"

iv) L-interess ta' l-attur ghandu jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-motiv ta' l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm il-darba jigi kkuntrastat.

---

[3] **J. Muscat et v. R. Buttigieg et** - Appell Civili deciz 27 ta' Marzu 1990
[4] **Muscat v. Bittie** – Prim Awla 27 ta' Marzu 1990

v) Ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' l-attwalita` ta' l-interess, biex azzjoni tista' ssehh u titqies imsejsa b'interess kif imiss, trid tkun kapaci li tipproduci rizultat vantagguz jew utili ghal min jipproponiha u li dak ir-rizultat jista' jigi utilizzat (ara sentenza fl-ismijiet: ***Bond v. Mangion***[5]). Jakk l-azzjoni ma tistax twassal ghal rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi.

vi) Dejjem fir-rigward ta' l-aspett ta' l-attwalita`, l-interess irid jibqa' jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jispicca il-konvenut jinheles[6].

vii) Fil-prattika gudizzjarja wiehed jista' jippromuovi azzjoni biex jottjeni dikjarazzjoni, preordinata ghal azzjoni definittiva, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament. Hawnhekk izda, il-Qorti trid tkun sodisfatta li hemm l-interess mehtieg, anke preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' ssir aktar 'l quddiem. Infatti, gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet ***Edgar Baldacchino v. Rose Bellizzi et***[7] illi ghalkemm ic-citazzjoni tista' ssir ghal dikjarazzjoni biss u m'hemmx bzonn li tintalab kundanna "min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt - 'l'azione civile non puo` essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e` infondata e inammissibile."

viii) L-interess mhux necessarjament ikun ikkwantifikat fi flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jirrikonoxxi jedd morali jew soggettiv, imbasta d-dritt invokat ma jkunx ipotetiku.

ix) Jekk l-azzjoni, ghalkemm imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utili lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda illegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda *acta ad*

[5] Qorti ta' l-Appell 27 ta' Mejju 1991 u **Millard v. Said et noe** – Appell deciz 14 ta' Settembru 1988
[6] **Sammut et noe v. Attard** – Appell 17 ta' Frar1993
[7] Appell Civili - deciza 15 ta' Lulju 1952

*aemulationem* – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg[8].

11. Apparti dawn il-principji li gew stabbiliti u kostantement abbraccjati mill-gurisprudenza lokali, huwa opportun illi wiehed ihares lejn dak li jghid il-Mortara fuq il-materja u dan stante li s-socjeta` appellanti tghid, (minghajr izda ma tikkwota r-referenza), li skond il-Mortara "fl-istadju inizjali tal-proceduri gudizzjarji, huwa immaterjali x'jikkostitwixxi dan il-vantagg ghal min ikun qieghed jipproponi l-azzjoni. Li huwa importanti huwa jekk dan l-interess jistax ikun protett minn xi principju legali jew provvediment tal-ligi." Izzid tghid ukoll illi l-ewwel Qorti naqset li taghraf il-punt fundamentali, sostnut anke mill-Mortara, illi l-interess biex wiehed jipprocedi f'azzjoni gudizzjarja kontra terzi ma ghandux jigi konfuz ma' dak sostanzjali li jista' jigi stabbilit jekk u meta jkunu ngibu l-provi kollha.

11.1 Fil-***Commentario del Codice delle leggi di Procedura Civile*** (Vol II pg 588-589), l-imsemmi Ludovico Mortara jitratta dwar "l'interesse e capacita` di agire". Huwa jafferma illi –
" L'interesse a cui accenna l'articolo 36 ('per proporre una domande in gudizzio, o per contraddire alla medesima, e` necessario avervisi interesse') e` senza dubbio cosa distinta e diversa dal diritto. Che un individuo abbia l'opinione della esistenza di un diritto e della sua violazione non e` ancora tutto quello che si richiede perche` egli sia ammesso a spiegare l'azione in giudizio… Basta un breve istante di meditazione per rilevare esattamente la differenza tra i due problemi della esistenza del diritto e della esistenza dell'interesse. Il primo non puo` essere risoluto se non mediante la decisione della controversia, cioe` dopo il pieno esame della questione sul fatto e delle dispute in diritto che la lite solleva. Il secondo, invece puo' essere esplorato e risoluto in modo pregiudiziale; imperroche` <u>si tratta d'indagare in astratto e potenzialmente la utilita`</u>

---

8 Appell Superjuri – **Agatha Gauci v. Dr. F. Lanfranco et** 28 ta' Novembru 2003

soggettiva della decisione del contrasto fra le parti. In altre parole, si tratta di rispondere a queste domande : puo` giovare all'attore, il quale afferma la violazione di un certo diritto, ottenere che esso sia integrato e protetto? Puo` giovare al convenuto il far stabbilire che un certo diritto, oggetto della pretesa dell'attore, non esiste o non fu violato?"

Izid –
"deve adunque concretarsi l'interesse della parte attrice in una utilita`, cui esso puo` aspirare per se o per altri, merce` la riparazione di quello stato o di quel fatto violatore del dirtto donde ebbero origine il contrasto col convenuto e la proposizione delle sue domande."

Aktar tard il-Mortara jkompli jelabora hekk

"Chi vuol far valere un diritto in gudizzio deve, adunque, giustificare l'utilita`, pecunaria o d'altra natura, che lo determina ad agire…Quando pero` si invoca l'ausilio della funzione giurisdizionale per l'esercizio del proprio diritto, e` regola di equita` e di savia politica che lo stato prende cura di verificare se la domanda proposta in gudizio sia utile al titolare del vantato diritto; e conseguentemente, che si ricusi a prestare la protezione giurisdizionale se il diritto si faccia valere solo con spirito di vessazione e allo scopo e col risultato di recare molestia al soggetto passivo del diritto medesimo."[9]

11.2 Applikati dawn il-principji ma jidhirx illi dan l-aggravju ta' l-appellanti huwa fondat u dan peress li mhux kull interess jista' jissarraf fi dritt ta' azzjoni. Kif tajjeb afferma Dottor Joseph Said Pullicino (wara Prim Imhallef ta' dawn il-Qrati) fit-tezi tieghu intitolata "The Civil action with special reference to the element of Interest,[10]" "…not every interest is sufficient to ground a right, and further, not every interest which is sufficient to ground a right, is considered to be sufficient for the creation of a legal right."

[9] pg 594
[10] Universita` Rjali ta' Malta – 1961 page 30

12. Illi lanqas hija korretta l-lanjanza tas-socjeta` appellanti li biex il-Qorti setghet tghid li l-interess tas-socjeta` kienx legittimu jew le hija "kellha l-obbligu u d-dover li tisma' l-provi kollha sabiex tara jekk dan l-interess li hija kkonkludiet li kien wiehed dirett u attwali kien wiehed legittimu wkoll". Kif diga` gie spjegat *supra*, l-interess ta' l-attur ghandu jirrizulta mill-att tac-citazzjoni u ghalkemm mhux mehtieg li l-motiv ta' dan l-interess ikun imsemmi fic-citazzjoni, ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntestat[11]. Fil-kaz in ezami izda, l-ebda prova ma tressqet mis-socjeta` appellanti biex tmewwet ix-xilja maghmula mill-konvenuti li dawn ta' l-ewwel m'ghandhomx interess li jintavolaw din il-kawza. Kif sewwa jissottomettu l-appellati, huwa obbligu ta' l-attur li jipprova dak allegat minnu u li jipprova li l-interess tieghu kien interess guridiku. Minbarra dan, is-socjeta` attrici qatt ma talbet lill-Qorti ta' l-ewwel grad biex tipproduci provi in sostenn tat-tezi taghha, izda bbazat ruhha fuq il-kuntratt ta' lokazzjoni taghha u l-kuntratti ta' l-awturi taghha. Infatti, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2001[12] il-partijiet **kollha** kienu qablu li l-ewwelnett tigi investita l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' interess guridiku u in fatti l-partijiet gew moghtija zmien ghall-prezentata ta' noti ta' sottomissjonijiet dwar din l-eccezzjoni. Sa Settembru ta' l-istess sena s-socjeta` attrici kienet ghadha ma pprezentatx din in-nota. Fl-24 ta' Settembru 2001 l-appellanti ghamlet imbaghad rikors fejn talbet li tipprezenta tali nota – pero` hija qatt ma talbet li tipproduci xi provi dwar dan (fol 53). Inoltre jigi rilevat illi l-Mortara stess jirritjeni li meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi dwar l-interess tal-partijiet dan il-punt "puo` essere esplorato in modo pregiudiziale, imperocche` si tratta di indagine in astratto e potenzialmente la utilita` soggettiva della decisione del contrasto fra le parti."

13. Ghandu jigi rilevat li fl-istadju li tinsab fih il-kawza in ezami jirrizultaw is-segwenti : –
i) Is-socjeta` attrici qed tibbaza l-pretensjonijiet taghha fuq kuntratt li kien gie ppublikat fis-17 ta' Dicembru 1982 (Dok A fol 5-9).

[11] **Ign. Gatt v. M. Debono et** Appell – 12 ta' Dicembru 1983
[12] fol 43

ii) Fic-citazzjoni taghha hija tippremetti li hija inkwilina ta' l-art u tal-passagg li jidher fuq il-pjanta Dok B, liema passagg kien gie maghmul fi triq mill-awturi taghha. Is-socjeta` attrici ssostni li bhala rizultat ta' dan il-kuntratt u tal-kuntratti li saru mill-awturi taghha, it-triq *de quo* tista' tintuza biss mill-inkwilini ta' art tal-Kurja li jkollhom il-permess li joperaw barriera fl-inhawi ta' 'Tal-Hawli' u mill-bdiewa li jahdmu r-raba'. B'hekk, skond l-appellanti, is-socjeta` konvenuta ma tistax tutilizza din it-triq u l-ftehim li waslu ghalih il-konvenuti ma ghandux ikollu l-ebda effett u konsegwentement is-socjeta` ma tistax tuza t-triq.

iii) Fil-kuntratt li bih is-socjeta` appellanti akkwistat id-drittijiet li kellu Joseph Xuereb fuq l-istess territorju, kien inghad illi s-socjeta` attrici kienet a konoxxenza tal-kundizzjonijiet li kienu saru fil-kuntratt tat-23 ta' Settembru 1980 u li dawn kienu se jibqghu japplikaw.

iv) Illi Joseph Xuereb kien akkwista d-drittijiet tieghu minghand Francis Grech u Salvatore Xuereb permezz ta' kuntratt in atti Nutar Paul Pullicino tat-12 ta' April 1972 (fol 72). F'dan l-ewwel kuntratt l-Amministratur ta' l-Abbazija kien impona fuq l-inkwilini l-obbligu li "jiffurmaw triq karrozzabbli skond l-esigenzi tal-ligi fil-pjanta annessa mill-punt A sal punt B liema triq tigi tiswa cirka sitt elef (Lm6000)… Pero' l-inkwilini jkollhom id-dritt li jigu rimborsati kumpens ta' mhux iktar minn elfejn u hames mitt lira (Lm2500) mis-somma totali minfuqa u dan minn kwalunkwe kerrej iehor li jkollu permess jiftah barriera ohra f'dan it-territorju "tal-Hawli" pero' dan id-dritt ghandu jigi ezercitat sa tnax-il sena mil-lum."[13]

v) L-obbligu ta' manutenzjoni tat-triq u d-dritt ghar-rimborz gew imbaghad inkluzi fil-paragrafi 6 u 7 fil-kuntratt ta' cessjoni ta' drittijiet ta' l-ewwel inkwilini lil Joseph Xuereb li sar fl-1980 fejn inghad li –

"Il-komparenti kollha ta' dana l-att jaqblu li…l-istess dritt li kellhom l-inkwilini l-antiki, esercitabbli biss sas-sena elf

[13] fol 77

disa’ mija erbgha u tmenin, ghall-hlas ta’ kumpens minn kerrejja ohra li jistghu jifthu barrieri ohra fl-istess territorju “tal-Hawli”, ghall-uzu tat-toroq ffurmati mill-istess Francis Grech u Salvatore Xuereb ghandu jghaddi favur l-inkwilin il-gdid Joseph Xuereb u dan in vista ta’ ftehim bonarjament milhuq bejn l-inkwilini l-antiki u dan ta’ llum kif gia nghad.”

“…L-inkwilin il-gdid ikun obbligat ghall-manutensjoni ta’ triq karrozzabbli skond l-esigenzi tal-ligi, il-passagg muri fil-pjanta annessa bil-kulur isfar. L-inkwilin Xuereb Joseph ikollu d-dritt li jigi rimborsat kumpens ta’ mhux aktar minn somma ta’ elfejn u hames mitt lira mis-somma totali minfuqa u dana minn kwalunkwe kerrej iehor li jkollu permess jiftah barriera ohra fit-territorju “Tal-Hawli” pero’ dan id-dritt ghandu jigi ezercitat sa tnax-il sena mit-tnax ta’ April elf disa’ mija u tnejn u sebghin. Jekk wara s-sena elf disa’ mija u erbgha u tmenin u tnax ta’ April taghha jidhol xi kerrej iehor li juza t-triq fuq ix-xoghol sostanzjali ta’ negozju li ma jkunx ta’ biedja, l-Beneficcju koncedenti kif rapprezentat ghandu jikkondizzjona lil kull kerrej gdid jaqsam l-ispejjez tal-manutenzjoni tat-triq mal-inkwilin Joseph Xuereb.” (fol 92-93)

13.1 Minn ezami tal-kuntratti esebiti jirrizulta ghalhekk kjarament illi s-socjeta` appellanti ma ghandha ebda dritt tillimita l-access fuq din it-triq li la tappartjeni lilha u lanqas hija parti mill-art mikrija lilha bil-kuntratt ta’ l-1982. Hija kellha biss dritt ta’ rimborz sal-1984 u in segwitu d-dritt li tircievi kontribuzzjoni ghall-manutenzjoni ta’ l-istess triq minghand inkwilini ohra. Fi kliem iehor, l-appellanti m’ghandhiex ukoll id-dritt li qed tippretendi u l-ftehim li sar *pendente lite* bejn il-konvenuti lilha ma jaffettwaha bl-ebda mod u ma qed inaqqsilha xejn mid-drittijiet taghha. It-talba taghha mhix se taghtiha ebda rizultat utli u ghalhekk l-azzjoni minnha intentata ma tistax tigi sostenuta.

13.2 Issa ghalkemm l-interess guridiku huwa essenzjalment distint mid-dritt, dak l-interess mhux biss irid ikun dirett u attwali izda jrid ikun ukoll wiehed legittimu, jigifieri konformi ghad-dritt tal-partijiet fil-kawza. Kif jikteb il-Mattirolo, ukoll iccitat mill-Qorti ta’ l-ewwel grad, “se

l'interesse e` scompagnato dal diritto non vi ha azione ............ cosi` che per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregudichi i nostri interessi, ma occore che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` injuria datum, se cioe` non e` prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto." In fatti, gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell ta' Turin[14] li – "la legge non puo` proteggere che quell'interesse che tiene la sua base in un diritto."

13.3 Jigi osservat inoltre li l-interess tas-socjeta` appellanti huwa wkoll nieqes mir-rekwizit ta' l-attwalita` peress illi kif inghad qabel biex l-azzjoni tista' ssehh u titqies imsejsa b'interess trid tkun kapaci tipproduci rizultat vantaggjuz ghal min jipproponiha u li r-rizultat ottenut ikun jista' jigi utilizzat.

14. Finalment dwar l-ilment ta' l-appellanti li l-kliem "forsi ta' kompetizzjoni u rivalita`" uzat mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma kienx floku u li ma ngiebet ebda prova li setghet twassal ghal tali dikjarazzjoni, jinghad semplicement illi ma kien hemm htiega ta' ebda prova biex il-Qorti tipprezumi li hemm il-kompetizzjoni bejn iz-zewg socjetajiet u dan ukoll ghaliex huma joperaw fl-istess generu ta' negozju. In effetti ghalkemm l-ewwel Qorti setghet astjeniet milli timmanifesta dak li kienet tahseb dwar il-motivi li setghu wasslu ghall-azzjoni odjerna, ma hemm ebda dubbju izda li dan il-kliem ma kkawza ebda pregudizzju lis-socjeta` appellanti, dana billi l-Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara konsiderazzjoni tal-punti legali involuti.

L-aggravji tas-socjeta` attrici appellanti ghalhekk huma infondati.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` attrici appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

---

[14] deciza 6 ta' Dicembru 1901 – Giur Ital 1902 1,2, 386 – (kkwotat mill-Mortara)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------